MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 977/2006

**Talba Nru: 977/06VGD**

Mobisle Communications Limited (C 24655)

Vs

Josef Grima

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici tablet il-hlas tas-somma ta’ tlett mija u erba u disghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm394.75c) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-konvenut skond Client Contract Number 1004320 in rigward ta’ servizzi lilu

rezi mis-socjeta’ attrici fix-xhur ta’ bejn Frar 2006 u Mejju 2006, bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-27 ta’ Settembru 2006 u dawk tal-mandat ta’ sekwestru ipprezentat kontestwalment ma din il-kawza, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament efettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tlett mija, erba u disghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm394.75c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kif mitluba ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------